# Il-Kavallier Emvin Cremona

*Kav. Paul Saliba*

It-tifkira tal-pittur Emvin Cremona għadha u tibqa' ħajja kemm fil-qalb tal-familja tiegħu li hu tant ħabb u bata għaliha – martu s-Sinjura Lilian u wliedu Marco, Anna, Silvana u Nadia, u l-familji tagħhom – kif ukoll fil-wirt kbir kulturali li ħalla warajh, l-aktar fl-opri sagri li għandu f'bosta knejjes imxerrdin ma' Malta u Għawdex.



Emvin kellu tliet imħabbiet li għalihom iddedika ħajtu b'enerġija straordinarja: Kristu, il-familja u l-arti. Għalihom it-tlieta ħadem u bata. Kien bniedem umli li qatt ma ħalla l-unuri u l-glorja jitilgħulu għal rasu. Kien, fuq kollox, bniedem reliġjuż u artist verament nisrani li fl-opri ta' jdejh kien dejjem jara kif idaħħal is-sens reliġjuż.

## Ħajtu

Emanuel Vincent Cremona twieled fil-Belt Valletta fis-27 ta' Mejju 1919, u sa minn ċkunitu wera inklinazzjoni kbira għall-arti, li hu studja f'Malta mbagħad kompla f'Ruma, f'Londra u f'Pariġi. Xogħol minn tiegħu jinsab fil-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda fi New York u fis-Sede tal-World Health Organisation. Biċċa xogħol tiegħu ta' arti kienet ġiet ippreżentata lir-Reġina Eliżabetta II fl-1967.






***Bolli li ddisinja Emvin Cremona li ġabu ġieħ lil Malta fil-qasam internazzjonali tal-filaterija.***

Fl-1961, il-Papa Ġwanni XXIII ħatru Kavallier tal-Ordni Pontifiċju ta' San Silvestru, u ngħata wkoll żewġ midalji tad-deheb minn istituzzjonijiet Maltin. Serva wkoll fil-Kunsill tal-Arti f'Malta. Opri tiegħu ġew mogħtija post ta' ġieħ f'diversi wirjiet internazzjonali barra minn Malta.

## Fid-dinja Filatelika

Permezz ta' disinji, bi stil għal kollox ġdid u rivoluzzjonarju li huwa għamel għall-bolli ta' Malta, il-Kav. Cremona ta kontribut sustanzjali biex iwassal l-isem ta' Malta 'l bogħod mix-xtut tagħha u jistabbiliha fuq il-mappa tad-dinja filatelika (tal-bolli). Matul l-aħħar tletin sena ta' ħajtu huwa ddisinja l-parti l-kbira tas-settijiet ta' bolli li ħarġu f'Malta, u dawn, speċjalment is-sett li ħareġ fl-okkażjoni tad-Dsatax-il Ċentinarju tan-Nawfraġju ta' San Pawl, li ġie ċċelebrat




*Pittura fil-korsija ta' San Gejtanu, il-Ħamrun.*

f'Malta fl-1960, għadhom imfittxija ferm mill-kollezzjonisti.

## Bniedem sensittiv

Lill-Kav. Emvin Cremona kien ili nafu mill-qrib għal snin twal. Min jaf kemm-il darba kien jiġi jiftaħ qalbu miegħi fuq xi problemi li kienu jinkwetawh! Bħall-artisti veri u awtentiċi, Emvin kien bniedem sensittiv ħafna. U l-ħajja lil Emvin tagħtu mumenti ta' glorja, iżda żewqithomlu wkoll bix-xewk u l-għolliq. Minħabba fil-karattru sensittiv tiegħu, Emvin bata ħafna, iżda kellu fiduċja mill-aktar qawwija fil-Providenza. Kien bniedem ta' fidi qawwija.

Il-Kav. Cremona ħabb ukoll il-ġurnal *Leħen is-Sewwa*. Kien konvint mill-ġid kbir spiritwali li kienet qiegħda twettaq din l-arma tal-verità, u għal aktar minn erbgħin sena ta kontribut siewi u b'xejn lil-*Leħen* bid-disinji li hu kien jagħmel għan-Numri Speċjali mhux biss għall-Milied ta' kull sena, iżda anki għal kull avveniment straordinarju fil-ħajja tal-Knisja jew f'dik ta' pajjiżna, fil-parti l-kbira għall-kopertina bil-kulur.

Il-Kavallier Emvin Cremona miet fid-29 ta' Jannar 1987.



*Xogħlijiet ta' Emvin Cremona fil-Knisja tal-Lunzjata, il-Birgu.*